31998R1636

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1636/98

ta' l-20 ta' Lulju 1998

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2075/92 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fit-tabakk mhux maħdum

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42 u 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

(1) Billi l-Artikolu 26 tar-Regolament (KEE) Nru 2075/92 [3], jeħtieġ li l-Kummissjoni tibgħat proposti dwar l-arranġamenti tal-*premium* u tal-kwota li jirregolaw l-organizzazzjoni tas-suq fit-tabakk mhux maħdum;

(2) Billi s-sitwazzjoni preżenti tas-suq hi waħda ta' taqbil ħażin bejn il-provvista u d-domanda, l-aktar minħabba l-kwalità ħażina tal-produzzjoni tal-Komunità; billi din is-sitwazzjoni titlob għal riforma fondamentali fis-settur biex titjieb il-pożizzjoni ekonomika tiegħu; billi din ir-riforma għandha tinvolvi varjazzjoni fl-għajnuna Komunitarja skond il-kwalità tal-prodott, aktar flessibilità u sempliċità fit-tfassil ta' kwoti, proċeduri ta' kontroll aktar stretti u tħaris aħjar tas-saħħa pubblika u tal-ħtigiet ta' protezzjoni ta' l-ambjent;

(3) Billi l-*premium* għat-tabakk imnixxef fis-sħana, tabakk ħafif imnixxef fl-arja u tabakk skur imnixxef fl-arja mkabbar fil-Belġju, il-Ġermanja, Franza u l-Awstrija għandu jiżdied; billi l-Kunsill għandu innaqqas, b'konformità mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, il-limiti tal-garanzija biex jiġi żgurat li tinżamm newtralità fl-estimi;

(4) Billi, biex jitħeġġeġ titjieb fil-kwalità u l-valur tal-produzzjoni tal-Komunità, u fl-istess waqt jiġi provdut appoġġ lill-produtturi, l-ħlas ta' parti mill-*premium* għandu jkun marbut mal-valur tat-tabakk prodott; billi l-firxa ta' din id-differenzazzjoni tista' tvarja skond il-varjetà u l-Istat Membru li jkabbar it-tabakk; billi, jekk trid tkun effettiva, d-differenzazzjoni għandha taħdem f'ċerta firxa; billi, fid-dawl tal-kobor tat-tibdil mwettaq, perjodu transitorju għandu jiġi stabbilit; billi din is-sistema għandha titwaqqaf fi ħdan il-gruppi ta' produtturi, filwaqt li tippermetti li jsir tqabbil tal-prezzijiet miksuba mill-produtturi individwali;

(5) Billi huwa essenzjali li jissaħħu l-proċeduri ta' kontroll fis-settur tat-tabakk; billi t-tifsiriet ta' 'produttur', 'l-ewwel proċessatur' u 'l-ewwel proċessar' għandhom jkunu aktar preċiżi u l-aġenziji tal-kontroll għandhom jkollhom aċċess għat-tgħarif kollu rilevanti għal xogħolhom;

(6) Billi sistema ta' irkant għall- kuntratti ta' koltivazzjoni għandha titwaqqaf biex il-prezzijiet tal-kuntratti għat-tabakk jirriflettu verament il-kondizzjonijiet tas-suq; billi din is-sistema għandha tkun mhux obbligatorja għall-Istati Membri, biex jingħata kont ta' l-istrutturi differenti tagħhom;

(7) Billi bil-parteċipazzjoni fl-istabbiliment tal-prezz tax-xiri tat-tabakk konsenjat il-proċessur għandu rwol ċentrali fl-istabbiliment tal-*premium* li għandu jitħallas lill-produttur individwali; billi l-ewwel proċessaturi jibbenefikaw indirettament mill-għajnuna tal-Komunità billi jixtru l-prodott issussidjat; billi l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jitħallew jieħdu l-azzjoni xierqa kontra kull l-ewwel proċessatur li ma jħarisx ir-regoli tal-Komunità; billi għal dak il-għan l-ewwel proċessaturi approvati biss għandhom jkunu jistgħu jiffirmaw kuntratti ta' koltivazzjoni, bl-approvazzjoni tiġi rtirata fil-każ ta' nuqqas ta' konformità;

(8) Billi biex tiġi simplifikata l-amministrazzjoni tas-settur, il-gruppi tal-produtturi għandhom jintgħamlu responsabbli biex iħallsu l-parti varjabbli tal-*premium* lill-produtturi u biex jallokaw kwoti ta' produzzjoni lill-membri tagħhom;

(9) Billi t-trasferiment tal-kwoti ta' produzzjoni bejn il-produtturi għandu jitħalla jsir biex jitjiebu l-istrutturi ta' produzzjoni; billi arranġamenti ta' xiri lura ta' kwoti għandhom jiġu ntrodotti biex jgħinu lill-produtturi li jixtiequ jħallu s-settur iżda li ma jsibux xerrejja għall-kwoti tagħhom;

(10) Billi għandu jingħata kont debitu tal-ħtiġiet tas-saħħa pubblika u r-rispett għall-ambjent; billi għal dak il-għan it-tnaqqis tal-*premium* li jiffinanzja l-fond tal-Komunità għar-riċerka u t-tagħrif dwar it-tabakk għandu jirdoppja u l-għajnuna speċifika tintuża mhux biss biex tgħin lill-gruppi ta' produtturi jaqdu l-funzjonijiet ġodda tagħhom ta' amministrazzjoni iżda wkoll biex tiffinanzja l-azzjoni maħsuba biex iżżid ir-rispett lejn l-ambjent,

[1] ĠU C 108, tas-7.4.1998, p. 87.
[2] ĠU C 210, tas-6.7.1998.
[3] ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 70. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (EC) Nru 2595/97 (ĠU L 351, tat-23.12.1997, p. 11).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2075/92 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 3(1) u (2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Mill-ħsad ta' l-1999 'il quddiem, skema ta' *premium* għandha tapplika għat-tabakk, bl-ammont tagħha jiġi stabbilit għall-varjetajiet kollha tat-tabakk murija f'kull wieħed mill-gruppi differenti.

2. Ammont supplementari għandu, iżda, jingħata fuq tabakk imnixxef bis-sħana, tabakk ħafif imnixxef fl-arja u tabakk skur imnixxef fl-arja imkabbar fl-Awstrija, il-Belġju, Franza u l-Ġermanja. Dak l-ammont għandu jkun ugwali għal 65 % tad-differenza bejn il-*premium* mogħti għal dawn il-varjetajiet ta' tabakk skond il-paragrafu 1 u l-*premium* applikkabbli għall-ħsad tal-1992."

2) l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

"*Artikolu 4a*

1. Il-*premium* għandu jinkludi parti fissa, parti varjabbli u għajnuna speċifika.

2. Il-parti varjabbli tal-*premium* għandha tkun ta' 30 % sa 45 % tal-*premium* totali. Għandha tiġi ntrodotta ftit ftit sal-ħsad ta' l-2001. Tista tiġi aġġustata fi ħdan dik il-medda speċifikata, skond il-grupp ta' varjeta u l-Istat Membru.

3. Il-parti fissa tal-*premium* għandha titħallas jew lill-gruppi ta' produtturi biex titqassam lill-membri tal-grupp jew lill-produtturi ndividwali li m'humiex membri ta' xi grupp.

4. Il-parti varjabbli għandha titħallas lill-gruppi ta' produtturi biex titqassam lil kull membru bil-proporzjon skond il-prezz ta' xiri mħallas mill-ewwel proċessur għal-ħsad tiegħu.

5. Għajnuna speċifika, li ma taqbisx it-2 % tal-*premium* totali, għandha titħallas lill-gruppi ta' produtturi."

3. L-Artikoli 6 u 7 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

1. Il-kuntratti ta' koltivazzjoni għandhom jiġu konklużi bejn l-ewwel proċessaturi tat-tabakk u gl-ruppi ta' produtturi jew il-produtturi ndividwali li m'humiex membri ta' xi grupp.

2. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

— l-espressjoni 'produttur' għandha tfisser produtturi ndividwali li m'humiex membri ta' xi grupp, produtturi individwali li huma membri ta' xi grupp, jew gruppi ta' produtturi, li lkoll kemm huma jikkunsenjaw il-ħsad tagħhom ta' tabakk mhux maħdum lil xi proċessatur ta' l-ewwel skond kuntratt ta' koltivazzjoni,

— 'l-ewwel proċessatur' għandha tfisser kull persuna naturali jew legali approvata li twettaq l-ewwel ipproċessar ta' tabakk mhux maħdum billi tħaddem, f'isimha u għal rasha, stabbiliment wieħed jew aktar ta' l-ewwel ipproċessar ta' tabakk mgħammar kif imiss għal dan il-għan,

— 'l-ewwel ipproċessar' għandha tfisser l-ipproċessar ta' tabakk mhux maħdum konsenjat minn xi produttur bħala prodott stabbli u li jista' jinħażen sistemat f'balel uniformi li l-kwalità tiegħu tħares il-ħtiġiet ta' l-utent aħħari.

3. Il-kuntratt ta' koltivazzjoni għandu jinkludi:

— rabta mill-ewwel proċessatur li jħallas lill-produttur il-prezz tax-xiri skond il-grad tal-kwalità,

— rabta mill-produttur li jikkonsenja lill-ewwel proċessatur it-tabakk mhux maħdum li jħares il-ħtiġiet ta' kwalità speċifikati fil-kuntratt.

4. Il-korp kompetenti ta' l-Istat Membru għandu, fuq is-sottomissjoni tal-prova ta' konsenja tat-tabakk u tal-ħlas tal-prezz kif riferit fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3, jħallas:

— il-parti fissa tal-*premium* lill-grupp tal-produtturi jew lill-produttur individwali li mhux membru ta' xi grupp,

— il-parti varjabbli tal-*premium* u l-għajnuna speċifika lill-grupp tal-produtturi.

Iżda, fuq bażi transitorja u għal perjodu li ma jaqbisx żewgt iħsad, il-*premium* jista' jitħallas permezz ta' l-intermedjarju ta' l-ewwel proċessatur.

5. L-Istat Membru jista, jekk l-istrutturi tiegħu hekk jitolbu, japplika skema ta' irkant ta' kuntratti ta' koltivazzjoni li tkopri l-kuntratti kollha msemmija fil-paragrafu 1 li ntlaħqu qabel id-data li fiha tibda il-konsinja tat-tabakk.

Artikolu 7

Ir-regoli ghall-applikazzjoni ta' dan it-Titolu għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 23.

L-għan tagħhom għandu jinkudi:

— delimitazzjoni ta' zoni ta' produzzjoni għal kull varjeta,

— htiġiet ta' kwalità għal tabakk ikkonsinjat,

— dettalji oħra dwar il-kuntratt ta' koltivazzjoni u d-data ta' l-egħluq għall-konkluzjoni tiegħu,

— kull ħtieġa ta' garanzija depożitata mill-produtturi li japplikaw għal ħlas bil-quddiem u l-kondizzjonijiet ta' kif tiġi provduta u meħlusa,

— l-istabbilir tal-parti varjabbli tal-*premium*,

— il-kondizzjonijiet speċifiċi tal-*premium* għal kuntratti ta' koltivazzjoni milħuqa ma' gruppi ta' produtturi,

— l-azzjoni li għandha tittieħed jekk il-produttur jew l-ewwel proċessatur jonqos milli jaqdi l-obbligazzjonijiet tiegħu,

— l-iskema ta' irkant għall-kuntratt ta' koltivazzjoni, inkluża l-għażla ta' l-ewwel xerrej li jlaħħaq kull offerta."

4. L-Artikoli 8 u 14 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

Limitu totali massimu ta' garanzija ta' 350 600 tunnellata metrika ta' weraq tat-tabakk mhux maħdum għal kull ħsad għandu jiġi stabbilit għall-Komunità.

Fi ħdan dik il-kwantità l-Kunsill għandu jistabbilixxi limiti ndividwali ta' garanzija għal kull grupp ta' varjeta għal tlett iħsad konsekuttivi, skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat.

Artikolu 9

1. Biex jiġi żgurat it-tħaris tal-limiti ta' garanzija, kwoti ta' produzzjoni għandhom jiġu imposti.

2. GIl-Kunsill, waqt li jaġixxi skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, għandu jqassam l-kwantità disponibbli għal kull grupp ta' varjeta bejn l-Istati Membri produtturi għal tlett iħsad konsekuttivi.

3. Fuq il-bażi tal-kwantitajiet stabbiliti skond il-paragrafu 2 u mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 4 u 5, l-Istati Membri għandhom jassenjaw kwoti ta' produzzjoni lill-produtturi ndividwali li m'humiex membri ta' xi grupp ta' produtturi u lill-gruppi tal-produtturi, skond il-proporzjon tal-kwantità medja ta' tabakk tal-grupp partikolari tal-varjeta konsenjata għall-ipproċessar minn kull produttur individwali matul it-tliet snin li jiġu qabel l-aktar ħasda reċenti.

4. Qabel id-data finali għall-konklużjoni tal-kuntratti ta' koltivazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jiġu awtorizzati li jittrasferixxu partijiet mill-allokazzjonijiet tal-limiti tal-garanziji tagħhom lil gruppi oħra ta' varjetajiet, skond il-paragrafu 3.

Bla ħsara għat-tielet subparagrafu, tnaqqis ta' tunnellata metrika fl-allokazzjoni ta' grupp wieħed ta' varjeta għandu jagħti lok għal żieda ta' mhux aktar minn tunnellata metrika fl-allokazzjoni tal-grupp l-ieħor ta' varjeta.

Ebda trasferiment ta' partijiet ta' allokazzjonijiet ta' limiti ta' garanzija minn xi grupp ta' varjeta għal ieħor ma jista jagħti lok għal żieda fl-ispejjeż tal-FAGGF.

Il-kwantitajiet awtorizzati għal trasferiment għandhom jiġu stabbiliti skond i-proċedura preskritta fl-Artikolu 23.

5. Kwoti nazzjonali ta' riżerva għandhom jitwaqqfu, li r-regoli ta' tħaddim tagħhom għandhom jiġu adottati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 23.

Artikolu 10

1. Ebda fond ma jista' jingħata fuq xi kwantita li taqbeż il-kwota ta' xi produttur.

2. Minkejja l-paragrafu1, produttur jista' jikkonsenja produzzjoni żejda sa 10 % tal-kwota tiegħu għal kull grupp ta' varjeta, b'din iż-żieda tkun eliġibbli għall-*premium* mogħti fil-ħsad li jiġi wara, basta li b'konsegwenza jnaqqas il-produzzjoni tiegħu għal dak il-ħasda biex il-kwota maqgħuda għaż-żewġ ħsad titħares.

3. L-Istati Membri għandhom iżommu tagħrif preċiż fuq il-produzzzjoni tal-produtturi kollha ndividwali biex, fejn xieraq, kwoti ta' produzzjoni jistgħu jiġu assenjati lilhom.

4. Il-kwoti ta' produzzjoni jistgħu jiġu trasferiti bejn produtturi individwali fl-istess Stat Membru.

Artikolu 11

Ir-regoli għall-applikazzjoni ta' dan it-Titolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 23.

TITOLU III

Miżuri biex tinqaleb il-produzzjoni

Artikolu 12

L-għajnuna speċifika msemmija fl-Artikolu 4a għandha titħallas lill-gruppi ta' produtturi għall-għanijiet li jiżdied ir-rispett lejn l-ambjent, titjieb il-kwalità tal-produzzjoni, tissaħħaħ l-amministrazzjoni u tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-Komunità fi ħdan il-grupp.

Artikolu 13

1. Fond tal-Komunità tat-Tabakk ffinanzjat minn tnaqqis ta' 2 % tal-*premium* għandu jitwaqqaf.

2. Il-Fond għandu jiffinanzja l-azzjoni f'dawn is-setturi:

(a) il-ġlieda kontra t-tipjip tat-tabakk, b'mod partikolari li tinforma l-pubbliku fuq il-perikoli tal-konsum tat-tabakk,

(b) — riċerka biex jinħoloqu jew jiġu żviluppati varjetajiet u metodi ta' koltivazzjoni ġodda li jwasslu għal anqas ħsara lis-saħħa tal-bniedem u li jkunu iżjed adattati għall-kondizzjonijiet tas-suq u iżjed kompatibbli ma' l-ambjent,

— il-ħolqien jew l-iżvilupp ta' użu alternattiv għat-tabakk mhux maħdum,

(c) studji dwar il-possibilitajiet għal produtturi tat-tabakk mhux maħdum li jaqilbu fuq xtieli jew attivitajiet oħra,

(d) it-tixrid tar-riżultati miksuba fit-setturi msemmija hawn fuq lill-awtoritajiet nazzjonali u lis-setturi nteressati.

Artikolu 14

1. Sabiex jitħaffef it-tluq volontarju mis-settur tal-produtturi individwali, programm ta' kwota ta' xiri lura bi tnaqqis korrispondenti tal-limiti ta' garanzija msemmija fl-Artikolu 8 għandu jitwaqqaf.

2. Programmi ta' żvilupp rurali għall-konverżjoni ta' reġjuni tat-tkabbir tat-tabakk fid-diffikultà għal attivitajiet oħra jistgħu jitħaddmu skond il-poltika strutturali tal-Komunità."

5. l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

"*Artikolu 14a*

Regoli għall-applikazzjoni ta' dan it-Titolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 23. Dawn ir-regoli għandhom ikopru:

— l-istabbilizzazzjoni ta' l-ammont ta' għajnuna speċifika.

— id-definizzjoni tal-gruppi ta' produtturi eliġibbli għall-għajnuna speċifika,

— il-kundizzjonijiet għall-għarfien ta' gruppi,

— l-użu ta' l-għajnuna speċifika, u b'mod partikolari l-allokazzjoni tagħha fost l-għanijiet speċifikati fl-Artikolu 12(1),

— it-twaqqif tal-livell tal-kwota tal-prezz tax-xiri lura, li m'għandux jkun b'mod li jħeġġeġ l-eżodu eċċessiv tal-produtturi mis-settur,

— definizzjoni, fuq il-bażi ta' proposta mill-Istat Membru, ta' żoni sensittivi ta' produzzjoni u/jew gruppi ta' varjetajiet ta' kwalità għolja li jkunu eżentati mis-sistema ta' kwota ta' xiri lura, li m'għandhix teffetwa aktar minn 25 % tal-limiti ta' garanzija ta' kull Stat Membru,

— definizzjoni ta' perjodu ta' mhux aktar minn erba' xhur bejn l-intenzjoni ta' l-produttur individwali li jbiegħ il-kwota tiegħu u x-xiri lura attwali; matul dan il-perjodu l-Istat Membru għandu jgħarraf pubblikament l-ħsieb li jbiegħ biex il-produtturi l-oħra jkunu jistgħu jixtru l-kwota qabel ma attwalment tinxtara lura."

6. L-intestatura tat-Titolu V għandha tinbidel b'dan li ġej:

"TITOLU V

Miżuri ta' kontroll"

7. L-Artikolu 17 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 17*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni kollha meħtiega biex jiżguraw u jivverifikaw l-konformità mad-disposizzjonijiet tal-Komunità fir-rigward tat-tabakk mhux maħdum.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu arranġamenti għall-għotja ta' l-awtorizzazzjoni lill-ewwel proċessaturi biex jiffirmaw kuntratti ta' koltivazzjoni.

3. L-awtorizzazzjoni għandha tiġi rtirata mill-Istat Membru jekk il-proċessatur deliberatament jew minħabba nuqqas serju jonqos milli jħares id-disposizzjonijiet tal-Komunità fir-rigward tat-tabakk mhux maħdum.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex il-korpijiet ta' kontroll tagħhom jkunu jistgħu jivverifikaw il-konformità mad-disposizzjonijiet tal-Komunità, u b'mod partikolari:

— li jkollhom aċċess għall-faċilitajiet ta' produzzjoni u pproċessar,

— li jkunu jistgħu jiffamiljarizzaw irwiehom mar-reġistri tal-kontijiet u tal-ħażniet tal-produtturi u ma' dokumenti oħra rilevanti u jieħdu kopji jew estratti,

— li jkunu jistgħu jiksbu l-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari biex jiżguraw li t-tabakk konsenjat ikun ġie attwalment ipproċessat,

— li jiksbu figuri eżatti tal-volum u l-prezz tax-xiri tal-produzzjoni tal-produtturi kollha individwali,

— li jivverifikaw il-kwalità tat-tabakk u l-ħlas mill-proċessatur ta' prezz ta' xiri lil-produttur individwali,

— li jiċċekkjaw kull sena z-zoni mxettla mill-produtturi individwali.

5. Regoli ghall-applikazzjoni ta' dan it-Titolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 23."

8. l-intestatura li ġejja għandha tiddaħħal qabel l-Artikolu 17:

"TITOLU VI

Disposizzjonijiet generali u transitorji"

9. L-Artikolu 20 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 20*

Biex jiġu affrontati ċirkustanzi mhux prevvisti, jistgħu jittieħdu miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ tas-suq skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 23. L-iskop tagħhom u ż-żmien għandhom jkunu strettament limitati għal dak meħtieg biex jingħata appoġġ lis-suq."

10. Artikolu 26 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 26*

Qabel l-1 ta' April 2002, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tħaddim ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq fit-tabakk mhux maħdum."

11. il-paragrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 27:

"Fejn jinħtieġu miżuri transitorji biex tiġi faċilitata l-applikazzjoni ta' l-emendi ta' dan ir-Regolament introdotti bir-Regolament (KE) Nru 1636/70 (*), dawn il-miżuri għandhom jittieħdu skond il–proċedura preskritta fl-Artikolu 23.

(*) ĠU L 210, tat-28.7.1998, p. 23."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-ħsad ta' l-1999.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Lulju 1998.

Għall-Kunsill

Il-President

W. MOLTERER